MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1315/2003

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Gemma Depasquale u l-istess Gemma Depasquale**

**vs**

**Robin Stevens u Zarb Coaches Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' sitt mija u tlett liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm603.77) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtoomobilistiku li sehh fil-21 ta' Novembru 2002 waqt li l-attrici kienet qed issuq il-vettura taghha JMJ734, assikurata mas-socjeta'

attrici, meta dahlet fiha minn wara l-vettura HMY 150 misjuqa mill-konvenut Stevens u propjeta' tas-socjeta' konvenuta Zarb Coaches Limited. L-atturi baghtu ittra ufficjali fis-7 ta' Marzu 2003 lill-konvenut Stevens kif ukoll lil Omnibus Pool li kienet tassikura l-vettura misjuqa minn Stevens izda din irrispondiet b'ittra legali tas-17 ta' Marzu 2003 illi l-imsemmija vettura HMY 150 kienet assikurata maghha skond 'Names Driver Policy' u li fid-data tal-incident Stevens ma kienx indikat fil-polza bhala l-persuna biex isuq il-vettura u billi ma kienx jikkwalifika bhala 'authorised driver' il-polza ma kienitx tkopri l-incident. Isegwi ghalhekk li sid il-vettura, i.e. is-socjeta' konvenuta, hija wkoll responsabbli ghad-danni bhala li ppermettiet jew ordnat lil Stevens bix isuq l-imsemmija vettura meta ma kienx assikurat.
Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2003 u dawk tla-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-Omnibus Pool u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenuti mharrkin ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut Stevens fejn huwa eccepixxa s-egwenti:-

1. Illi preliminarjament in-notifika lill-konvenut Robin Stevens m'hijiex valida peress illi jitkellem biss bil-lingwa ngliza u ghalhekk ma gietx rispettata l-procedura stipulata mis-subartikolu 5(1) tal-Kap. 189.
2. Illi bla pegudizzju ghas-suespost, it-talba attrici versu l-konvenut Robin Stevens hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident mertu tal-kawza gara unikamnent tort tal-attrici Gemma Depasquale u mhux tal-konvenut.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.
4. Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra li s-socjeta' konvenuta Zarb Coaches Limited, nonstante li debitament notifikata baqghet, ma dehritx u ma prezentatx risposta.

Serma' x-xhieda ts' Joe Mula, Gemma Depasquale u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-crkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta’ Novembru 2002 f’Regional Road, bejn il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni JMY 734 misjuqa mill-attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HMY 150 misjuqa mill-konvneut Robin Stevens. L-incident sehh f’dik il-parti tat-triq li taghti ghal Regional Road ghal sewwieqa gejjin minn San Giljan. L-attrici xehdet li hija kienet gejja minn San Giljan, sejra lejn il-Gzira u riedet tohrog ghal fuq Regional Road, hija naqset il-velocita’ u kwazi waqfet proprju ghaliex riedet tohrog ghal fuq il-main road meta f’daqqa wahda hasset daqqa kbira fuq wara u ndunat li kienet giet milquta mill-vettura misjuqa mill-konvenut. Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li huwa habat mal-vettura tal-konvenuta ghaliex hija waqfet dead stop f’daqqa u peress li dakinhar kienet hafna xita huwa baqa’ diehel fil-vettura taghha minn wara. Il-konvneut jghid li huwa kien ilu jinnota lill-atrtci issuq b’mod eratiku u preikoluz sa minn hdejn Pender Place.

It-Tribunal jidhirlu li l-kollizzjoni in kwistjoni kienet bumper to bumper collission normali u ma jarax ghalfejn il-konvenut m’ghandux jitqies unikament responsabbli ghal dan l-incident. Il-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-konvenut ma zammx id-distanza adegwata mill-vettura li kienet quddiemu, u cioe’ dik misjuqa mill-attrici. It-Tribunal ma jistghax jifhem ghalfejn il-konvenut qed isostni li l-fatt li l-attrici waqfet jikkostitwixxi sewqan peikuluz jew imprudenti ghaliex sewweiq prudenti ovvjament jieqaf qabel ma jittenta johrog fuq arterja principali bhal ma hija Regional Road specjalment meta wiehed jikkunsidra li dakinhar tal-incident kienet niezla hafna xita. Kien proprju l-konvenut li fic-cirkostanzi kien negligenti u ma zammx ‘a proper lookout’ ghal dak li kien qed jigri quddiemu. Huwa messu ssuppona li l-attrici keinet ser tieqaf jew tnaqqas il-velocita’ qabel ma tittenta tohrog ghal fuq Regional Road u ghalhekk messu zamm id-distanza necessarja u mehtiega fic-cirkostanzi.

Irid jigi rilevat li r-regoli tal-Highway Code citati mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma japplikawx ghal  kaz odjern izda ghal sitwazzjonijiet fejn is-sewwieq ta' quddiem jeffetwa right hand turn biex b'hekk jimblokka l-pasagg liberu tal-vettura li tkun qed issuq warajh. Fil-kaz in kwistjoni l-attrici ma bidlitx id-direzzjoni, kull ma ghamlet kien li bdiet tnaqqas il-velocita' jew waqfet qabel ma harget ghal fuq il-main road.

Il-quantum tad-danni reklamati mll-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat u fi kwalunkwe kaz gew esebiti l-ircevuti kollha relattivi ghad-danni reklamati mill-istess atturi liema danni huma kompatibbli mad-dinamika ta' kif sehh l-incident stradali li jifforma l-mertu tal-kawza.

L-azzjoni attrici hija diretta kontra s-sewwiq tal-vettura HMY 150 izda anki kontra l-propjetarju tal-istess vettura stante li gie allegat li l-konvenut Stevens ma keinx kopert b'polza ta' assikurazzjoni peress li l-polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-Omnibus Pool fuq din il-vettura kienet 'Named Driver Poliy' u l-konvneut ma kienx l-authoriised driver' imsemmi fuq il-policy. It-Tribunal jidhirlu li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement u sal-grad rikjest mill-ligi it-talba taghhom kif diretta kontra s-socjeta' konvenuta Zarb Coahces Limited u ghalhekk is-socjeta' konvenuta Zarb Coaches Limited ser tigi libberata mill-osservanza tal-gudizzju.

In kwantu jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Stevens relattiva ghan-notifika din hija ormai sorvolata stante li l-istess konvenut accetta n-notifika, ma talabx li jigi notifikat mill-gdid bl-Avviz tat-Talba tradott fil-lingwa Ingliza kif taghtih il-fakulta li jaghmel il-ligi u ghalhekk ghandu jitqies bhala li rrinunzja ghal din il-fakulta'.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lis-socjeta' konvenuta Zarb Coaches Limited mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenut Robin Stevens u jikundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u

tlett liri Maltin u seba' u sebghin centezmu (Lm603.77), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2003 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut Robin Stevens.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------